# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, it-Tnejn, 3 ta' Lulju, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 860/2021 ISB**

**Fl-atti taċ-Ċedola numru 1041/2021**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru: 546/2021 fl-ismijiet:**

**JP Imports (Food Division) Ltd (C-78866)**

**vs**

**Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tas-soċjeta' **JP Imports (Food Division) Ltd**, intavolat fis-27 ta' Awwissu 2021, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*i.* *Tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri, ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), fuq id- depozitu li sar permezz tac-  cedola ta' depozitu bin-numru elf u wiehed u erbghin sbarrax wiehed u ghoxrin (1041/21***)***;*

*ii.* *Tordna l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-Artikolu 416 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), bl-abbrevjazzjoni tat-termini minhabba n-natura kummercjali tal-kreditu, u dan skont l-Artikolu 416(3) tal-istess Kap. 12.*

U dan wara illi ppremettiet:

1. *Illi wara diversi Mandati ta` Sekwestru mahruga minn diversi kredituri tas-socjeta` Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800), giet depozitata fir- Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma komplessiva ta` sebat elef, disa' mija u ghoxrin ewro u disgha u tmenin centezmu (€7, 920.89) permezz ta` cedola ta' depozitu bin-numru elf u wiehed u erbghin sbarrax wiehed u ghoxrin (1041/21) li saret mis-socjeta' sekwestratarja Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) sabiex l-istess somma tigi zbankata minn min ghandu dritt ghaliha fil-ligi;*

2. *Illi s-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800) fis-somma komplessiva ta' €27,966.01 (sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u sitta u sittin ewro u centezmu), u dan permezz tas- segwenti zewg ittri ufficjali intavolati ai termini tal- artikolu mija u sitta u sittin bl- ittra 'A' (166A) tal- Kap tnax (12) tal- Ligijiet ta' Malta:*

   i. *Ittra ufficjali intavolata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ittra numru tnejn u ghoxrin sbarrax wiehed u ghoxrin (22/21) (DOK A); u*
   ii. *Ittra ufficjali intavolata fil-Qorti tal- Magistrati (Malta), ittra numru mitejn u tlieta u ghoxrin sbarra wiehed u ghoxrin (223/21) (DOK B),*

   *flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess ammont u cioe is-somma ta' disa' mitt ewro u wiehed u hames centezmi (€901.05) skond il-kalkoli hawn annessi u mmarkati DOK C u DOK D, u kif ukoll spejjez gudizzjarji fl-ammont ta` tmien mija u erbgha ewro u erbgha u sebghin centezmu (€804.74), skond taxxi ufficjali hawn annessi u mmarkati DOK E, F u G;*

3. *Illi l-esponenti ottjeniet ukoll il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Numru hames mija u sitta u erbghin sbarra elfejn u wiehed u ghoxrin (546/2021), fl-ismijiet JP Imports (Food Division) Ltd (C-78866) versus Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800);*

4. *Illi s- socjeta' esponenti intavolat rikors ghall- zbank tas- somma depozitata, b'riserva ghall- kreditu akbar dovut lilha, izda dan l- izbank ma setax isir peress illi hemm kredituri ohra u ghadhom veljanti diversi mandati fil- konfront tas- socjeta' intimata;*

5. *Illi s-socjeta` rikorrenti bhala kreditrici tal-imsemmija Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800) tippretendi s-somma ta' €27,966.01 flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess ammont u cioe is- somma ta' (€901.05) u kif ukoll spejjez gudizzjarji fl-ammont ta` €804.74, izda ma tistax tohodha mill-ammonti depozitati fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ghaliex hemm ohrajn li jippretendu wkoll, jew jidrilhom li ghandhom interess fl-ammonti hemm depozitati b`mod li hemm issa lok ghall-ftuh ta` konkors fuq id-depozitu hawn fuq imsemmi bejn il-kredituri tal-imsemmija Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800).*

Rat id-**dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 18 sa fol 23);

Rat id-**digriet** tagħha tat-30 ta' Awwissu 2021, minn fejn jirrizulta illi l-Qorti laqgħet l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti u laqgħet it-tieni talba limitatament għall-pubblikazzjoni iżda ċaħdet l-abbrevjazzjoni tat-terminu, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-11 ta' November 2021 fl-10:00am;

Hadet nota tal-pubblikazzjonijiet li saru;

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Joseph Said Limited (C5857)** intavolat fl-1 ta' Novembru 2022 (fol 39) u d-dokumenti annessi (fol 43 sa fol 79) li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti:

i. *Tammettiha fil-lista ta' kredituri ta' dan il-konkors ta' kredituri;*
ii. *Tiddikjara illi l-kreditu tagħha jippregradwa dak ta' kredituri oħra; u*
iii. *Tawtorizza lir-rikorrenti tiżbanka mir-Reġistru ta' din il-Qorti s-somma depożitatha permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 1041/2021*

Rat id-**digriet** tagħha tas-7 ta' Novembru 2022 fejn ordnat in-notifika tar-rikors b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta tas-soċjeta' JP Imports Food Division Limited intavolta fis-16 ta' Novembru 2022 (fol 81) permezz ta' liema s-soċjeta' rikorrenti irrimettiet ruħha għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba u ikkontendiet li t-talbiet l-oħra tas-soċjeta' Joseph Said Limited jimpinġu fuq il-mertu u jistgħu jiġu indirizzati biss matul u/jew fit-tmien tal-proċeduri għall-korkors tal-kredituri.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu laqgħet l-ewwel talba tas-soċjeta' Joseph Said Limited u astjeniet milli tipprovdi dwar it-tieni u t-tielet talba tal-istess.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2023, il-Qorti ħadet konjizzjoni tan-nota tal-Assitent Reġistratur tas-7 ta' Ottubru 2022 (fol 33) minn fejn jirriżulta li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-Erbgħa t'Ottubru 2022 u ħadet konjizzjoni wkoll tan-nota tal-istess Reġistratur tad-19 ta' Ottubru 2022 (fol 36) minn fejn jirriżulta li saru l-pubblikazzjonijiet fil-gazzetta lokali.

Rat in-nota tas-**soċjeta' J&C Pisani Limited** intavolata fl-20 ta' Jannar 2023 (fol 85) li permezz tagħha ippreżentat tlett dokumenti (Dok JC1 sa Dok JC3, fol 86 sa fol 103).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2023 xehed **Paul Camilleri in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti**, **Charmaine Bugeja in rappreżentanza tal-Qrati u Tribunali Ċivili**, li ppreżentat żewġ dokumenti (Dok CB1 u Dok CB2, fol 122 sa fol 131), **John Attard in rappreżentanza tal-Identity Malta** li kkonferma li d-dokument li jinsab a fol 106 tal-proċess huwa vera kopja, u **Keith Said in rappreżentanza tas-soċjeta' Joseph Said Ltd.**

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat ukoll li fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2023, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-udjenza ta' llum.

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fis-17 t'April 2023 (fol 134) li permezz tagħha irrilevat li skond il-provi prodotti jirriżulta li hi l-unika kreditriċi li tgawdi minn jedd leġittimu ta' preferenza ai termini tal-artikolu 1996 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandha l-ewwel titħallas hi imbagħad jitħallsu l-kredituri l-oħra pro-rata l-kreditu verifikat u dan ai termini tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ta' nhar il-31 ta' Mejju 2019 bir-referenza Rik 585/13JZM.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-konkors jirrigwarda ċedola ta' depożitu wahda fl-ammont ta' sebat elef, disa' mija u għoxrin Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€7,920.89) li kienu depożitati permezz ta' ċedola ta' depożitu nru.1041/21 li saret mis-soċjeta' sekwestratarja Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) wara l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 546/2021 fl-ismijiet premessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Bi provvediment tat-30 t'Awwissu 2021, wara li kienet finalizzata l-proċedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, kienu ammessi jikkonkorru għall-ammont ta' €7,920.89 dawn il-persuni/korpi:

- ✓ JP Imports (Food Division) Ltd
- ✓ Joseph Said Limited
- ✓ J&C Pisani Limited

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-iskop tal-proċedura tal-konkors ta` kredituri huwa li jkun stabbilit liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta` ieħor.

Illi kawża ta` preferenza trid tkun validament reġistrata skont il-liġi.

Illi konkors ta` kredituri jintemm b`sentenza ta` Qorti.

Fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-proċedura kif delineata fl-Art 416 tal-Kap 12 kienet debitament osservata. Dan premess, u wara li għamlet eżami akkurat tal-provi, il-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-krediti tad-diversi kredituri li kienu ammessi sabiex jikkonkorru :-

- **JP Imports (Food Division) Ltd**

Illi jirriżulta ppruvat illi bis-saħħa ta' Ipoteka Ġenerali bir-referenza 12140/2021 reġistrata fl-10 ta' Mejju 2021, JP Imports (Food Division) Ltd (C-78866) kienet kanonizzata bħala kreditriċi ta' Dusk & Dawn Co Ltd (C-21800) fl-ammont ta' €27,966.01, dovut permezz ta' żewġ ittri uffiċjali intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-

Qorti Ċivili bir-referenza 22/2021 u ittra uffiċjali intavolata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bir-referenza 223/2021, oltre` l-ispejjeż legali li jammontaw għal €804.74 u oltre` l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-pagament effettiv (fol 106). Kopja ta' din il-ipoteka gudizzjali tinsab a fol 106 tal-process u John Attard minn Identity Malta ikkonferma illi dik l-ipoteka generali kienet sottomessa fis-16 ta' Gunju 2021.

- **Joseph Said Limited**

Illi jirriżulta pruvat ukoll li s-soċjeta' Joseph Said Limited ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjeta' Dusk & Dawn Co Ltd fis-somma komplessiva ta' €67,000 u dan ai termini ta' tlett ittri uffiċjali intavolati ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jikkonsistu fis-segwenti:

i. Ittra Uffiċjali intavolata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bir-referenza 326/2021 għall-ammont ta' €8,000,
ii. Ittra Uffiċjali intavolata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bir-referenza 3440/2021 għall-ammont ta' €30,000,
iii. Ittra Uffiċjali intavolata fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bir-referenza 667/2022 fl-ammont ta' €29,000.

- **J&C Pisani Ltd**

Illi jirriżulta pruvat ukoll li s-soċjeta' J&C Pisani Ltd ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjeta' Dusk & Dawn Co Ltd fis-somma ta' €1,449.16 u dan ai termini ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 intavolata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bir-referenza 2378/2020.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi jinsabu sodisfatti l-elementi rikjesti bl-artikolu 2033(1) tal-KAP 16 fir-rigward tal-ipoteka gudizzjali illi s-socjeta' rikorrenti ghandha. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-ebda wiehed mill-kredituri konkorrenti ma għamel opposizzjoni għall-pretensjonijiet tal-kredituri konkorrenti l-oħra.

Il-Qorti tqis illi l-pregradwazzjoni għandha tkun kif ġej:

<u>L-ewwel grad:</u>

JP Imports (Food Division) Ltd in vista tal-ipoteka ġenerali 12140/2021.

<u>It-tieni grad:</u>

Joseph Said Limited u J&C Pisani Limited flimkien kredituri kirografarji.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-socjeta` JP Imports (Food Division) Ltd għandha ipoteka ġenerali fl-ammont ta' €27,966.01, oltre` l-ispejjeż u l-imgħax kif hemmek indikat, iżda l-ammont depożitat biċ-ċedola msemmija huwa biss dak ta' €7,920.89. Għalhekk minkejja li JP Imports (Food Division) Ltd ser tizbanka l-intier tac-cedola numru 1041/2021, xorta waħda l-kreditu tagħha mhux ser jitħallas fl-intier tiegħu u kwindi mhux se rikun kompletament sodisfatt. Konsegwentament, iċ-ċedola għandha tigi zbankata kollha minn JP Imports (Food Division) Ltd. Il-bqija tal-kreditu dovut lilha (somma bilacjali) u lill-kredituri l-oħra se jibqa` mhux sodisfatt bl-iżbank taċ-ċedola msemmija.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qegħda taqta' u tiddeċiedi l-konkors billi:

1. **Tordna** illi s-soċjeta' JP Imports (Food Division) Ltd titħallas l-ammont kontenut fiċ-Ċedola ta` Depozitu Numru 1041/2022[1], sabiex ikun sodisfatt parzjalment il-kreditu tagħha.

2. **Tordna** lis-soċjeta` JP Imports (Food Division) Ltd thallas l-ispejjes ta' din il-proceduri, ghajr ghal dawk relatati ghas-socjetajiet Joseph Said Limited u J&C Pisani Limited li ghandhom ibghatu l-ispejjes taghhom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

[1] U b' digriet tal-25 ta' Settembru, 2023 n-numru taċ-Ċedola ta' Depożitu li għandha tiġi żbankata ghandu jaqra 1041/2021.